25 ta' Ottubru, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Henry Jones *versus* Anthony Buttigieg**

**Inġurja — Appell — Provi — Art. 425 (vi) tal-Kap. 12.**

*Jekk il-kwerelant f'kawża privata jitlob li ssir xi prova, u mbagħad ma jinsistix fuq it-talba tiegħu għal dik il-prova u fil-fatt dik il-prova ma ssirx, ma jistax jingħad li kien hemm riġett da parti tal-Qorti t'Isfel tat-talba biex issir dik il-prova.*

*Għaldaqstant, f'każ simili l-kwerelant ma jistax jappella mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fuq il-motiv li huwa ġie mpedut milli jagħmel prova legalment produċibili biex isaħħaħ l-akkuża.*

L-imsemmi Buttigieg, fuq kwerela ta' l-imsemmi Jones, ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondi għall-imputazzjoni ta' inġurja. B'sentenza tagħha tat-12 ta' Awissu 1952 dik il-Qorti lliberat lill-kwerelat; bl-ispejjeż;

Il-kwerelant appella ;

Id-difensur tal-kwerelat issolleva l-eċċezzjoni li s-sentenza hija inappellabili mill-parti tal-kwerelanti ;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat ;

L-appell tal-kwerelant hu, b'liġi, limitat għal ċerti każijiet. Id-difensur ta' l-appellant jippretendi li s-sentenza hija appellabili fuq il-motiv (ara art. 425 (vi) Kap. 12) li hu ġie impedut milli jipproduċi quddiem il-Qorti t'Isfel provi legalment produċibili u indispensabili biex isaħħaħ l-akkuża ,

Ma hemm ebda verbal li l-kwerelant offra xi prova li ġiet respinta ;

Mix-xhieda ta' Dr. Albert Ganado, difensur ta' l-appel-

lant, jirriżulta li, għalkemm f'ċertu mument hu talab li jerġa' jixhed il-kwerelant u li jiġi nominat perit kalligrafu għarrigward tad-diary li ġie eżibit, eppure hu stess, peress li ħaseb li l-kawża kienet sejra tispiċċa b'eżitu favorevoli għall-patroċinat tiegħu, ma nsistiex fuq it-talba tiegħu. Jekk ma nsistiex, hu ovvju li ma setax ikun hemm ebda riġett, u konsegwentement hu għal kollox infondat il-pretest li l-appell isib il-bażi tiegħu, kwantu għall-ammissibilità, fuq ir-riġett ta' prova; u hi ħaġa nkapibili kif seta' serjament isir appell fuq dan il-motiv;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-appellat u tiddikjara l-appell interpost mill-kwerelant irritu u null, u bħala tali tirrespinġih; bl-ispejjeż kontra l-kwerelant. Dritt tad-difensuri 12s. għas-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 1952 u 8s. għal dik tal-lum.